**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 597 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jessica Bezzina)**

**Vs**

**Dejan Vidolich**

Illum 28 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Dejan Vidolich ta' 24 sena, mwieled il-Pieta', nhar is-26 ta' Gunju 1996, iben Anthony u Maria Dolores xebba Bartolo, residenti: 112, Flat 2, Triq il-Lunzjata, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita 0273796 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghall-habta tal-12.25hrs fl-24 ta' Settembru, 2020, fi Triq il-Monsinjur Dandria l-Msida:

(1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ghassan Aboul-Ezz ta' 63 sena;

(2) Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382 A u 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ghassan Aboul-Ezz billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412 C tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 218, 222 (A) (1), 338 (dd), 382 A, 383 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lil Dejan Vidolich, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum **u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

**Ordni skond l-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Ghassan Aboul-Ezz** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qieghdet bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Dejan Vidolich** billi ipprojbixxiet u rrestringiet lill-istess **Dejan Vidolich** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi ipprojbixxiet lil **Dejan Vidolich** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija.

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 t' Awwissu, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat Dejan Vidolich ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u
2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-30 ta' Lulju 2021, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikorrent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati erogat piena illi fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-appellat instab ħati fuq ammissjoni tiegħu.

Illi għaldaqstant dan l-umli appell qiegħed jiġi interpost ai termini tal-artikolu 413 (1) (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor fi żmien tliet snin u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi illi:

> *22. (1)* ***Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat*** *(li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u* ***li ma jkunx reat*** *li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun* ***punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin****) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-*

> *ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti,* ***l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew****, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha,* ***billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu,*** *li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dan is-subartikolu.*

Illi minkejja li ġeneralment il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ma jistgħux jimponu liberazzjoni kondizzjonata fuq persuna misjuba ħatja ta' reat, il-piena ta' liema teċċedi is-seba' (7) snin, il-*proviso* tal-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema *proviso* japplika *mutatis mutandis* għall-artikolu 22 (1) tal-istess Kapitolu jipprovdi illi:

> *Iżda* ***meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi****,* ***li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni****,* ***li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li****, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti,* ***jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin****, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation.*

Illi ħarsa lejn l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li l-appellat instab ħati tagħhom (fuq ammissjoni tiegħu stess), hekk kif inhuma indikati fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, turi li l-appellat instab ħati, *inter alia*, ta' offiża gravi taħt l-artikolu 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat huwa kkwalifikat stante li l-offiża seħħet fuq persuna li għandha 'il fuq minn sittin sena. Ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jittratta dwar l-offiża gravi, il-piena għal dan ir-reat hija priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin. Ai termini tal-artikolu 222A (1) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jikkontempla l-awment fil-piena in vista tal-età tal-vittma, il-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn u dan l-awment fil-piena huwa tassattiv u

mhux fakoltattiv u għaldaqstant il-Qorti hija obbligata illi żżid il-piena ta' priġunerija bi grad jew tnejn. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 222A (1) tal-Kodiċi Kriminali, għar-reat ta' offiża gravi taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena titla' sa tnax-il (12) sena b'żieda bi grad u sa għoxrin (20) sena b'żieda b'żewġ gradi.

Illi għaldaqstant, in vista tas-suespost, stante li l-ewwel reat li l-appellat instab ħati tiegħu huwa punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi l-għaxar (10) snin, il-Qorti ma setgħetx tillibera lill-appellat taħt l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet tal-Malta b'referenza għall-*proviso* ta' l-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi dan hu appell intavoat mill-Avukat Generali u dan ghaliex isostni li l-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Lulju, 2020 errogat piena illi hija fil-kwalita taghha differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellat instab hati fuq ammissjoni tieghu stess.

L-appell tal-Avukat Generali ghalhekk huwa bbazat fuq id-disposizjoni tal-artikolu 413 (1) ( c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan hu appell li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li, skond l-appellant Avukat Generali, ma kienetx dik komminata fil-ligi.

Il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u dan sabiex tkun f'posizjoni ahjar biex tindirizza l-aggravju sollevat mill-Avukat Generali.

Rat ix-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti.

L-I**spettur Jessica Bezzina** xehdet nhar l-14 ta' Mejju 2021[1] u spjegat li nhar l-24 ta' Settembru, 2020 kien mar Ghassan Abullez gewwa l-ghassa tal-pulizija tal Msida sabiex jghamel rapport fil-konfront tal-akkzuat odjern. Dan irraporta li l-akkuzat kien tah daqqa ta' ponn. L-incident sehh fi Triq Monsinjur Dandria fejn ix-showroom tas-

[1] Fol. 10 tal-process

Suzuki. Dan Ghassan stqarr li kien xtara karozza minghand Dejan pero rrealizza li kien hemm problema bil-*gearbox*. Qal li tah xi flus sabiex johodhielu ghand il-mechanic sabiex tissewwa. Ghassan zied jghid li mar biex jigbor il-karozza minghand il-mechanic. Pero il-mechanic ma ridx ithielu ghax kien ghadu ma thallasx ghat-tiswija li kien ghamlilha. Ghassan allega li kien hallas lil mechanic hu sabiex jiehu l-karozza u imbaghad mar fuq il-post tax-xoghol ta' fejn jahdem l-akkuzat sabiex jiehu flusu lura.

Kien hemm hekk fejn l-akkuzat tah daqqa ta' ponn u telaq jigri. Nhar it-30 ta' Settembru 2020 talbet lil Ghassan biex imur l-ghassa ta' tas Sliema sabiex tara xi griehi kellu. Minn fuq il-mobile phone tieghu stess giet murija ritratt ta' kif l-griehi kienu dakinhar tal-akkadut jigifieri nhar l-24 ta' Settembru, 2020. Filwaqt li tghid li kienet hadet ritratt tal-griehi li rat dakinhar meta Ghassan mar jghamel ir-rapport tieghu l-ghassa.

Ghamlet kuntatt ma PS 309 dwar ic-certfikat li kien hareg it-tabib ghaliex Dr Mark Borg kien talab li c-certifikat jigi ritornat lura lilu ghaliex kellu jghamel xi korrezzjoni fih. Ic-certifikat rega inghata lill-pulizija nhar it-30 ta' Settembru, 2020 fejn Dr Mark Borg kien iccertifika li Ghassan kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa. L-akkuzat irrikorra l-ghassa ta' tas-Sliema b'mod volontarju wara li gie mitlub li jattendi nhar l-1 ta' Ottubru, 2020. Huwa gie imwissi bid-drittijiet tieghu fejn irrizulta li ma riedx jitkellem ma avukat waqt l-istqarrija li irrilaxja.

L-akkuzat stqarr li kien irreklama l-vettura tieghu ghall-biegh fuq l-internet ghax il-mechanic kien qallu li biex tissewwa kienet ser tigih iktar milli tiswa l-vettura. Ghassan kien kelmu *online* u qallu li kien interessat jixtri l-vettura. Ftiehmu biex jiltaqghu fil-garaxx tal-mechanic stess sabiex Ghassan jara l-vettura. Ghassan halsu €50 depositu u qallu li kien ser jigbor l-vettura meta tkun lesta mit-tiswija. Ftit wara Ghasan hallas l-ammont kollu lill-akkuzat u mar biex igbor il-karozza minghand il-mechanic.

L-akkuzat jghid li waqt li kien xoghol ircieva telefonata minghand il-mechanic fejn dan qallu li Ghassan ma riedx ihalsu tat-tiswija. Ftit wara Ghassan mar fuq il-post tax-xoghol fejn kien jahdem l-akkuzat u dan deher irrabjat.

L-akkuzat qallha li Ghassan kien qabdu pero irnexxielu jahrab u dan beda jipprova jevitah. Ghassan avvicinah u deher li kien ser jaghtih daqqa ta' ponn u allura tah daqqa ta' ponn f'wiccu. L-akkuzat jghid li Ghassan qallu li kien ser imur ghalih, pero rapport ghand il-pulizija m'ghamilx ghax beza li Ghassan kein ser iweggghu.

Fit 2 ta' Ottubru, 2020 l-akkzuat gie mistoqsi jerga jmur l-ghassa ta' tas-Sliema, minhabba li kien hemm xi zbalji fid-detalji tieghu fuq l-istqarrija. Dan rega gie moghti id-drittijiet tieghu u ffirma ir-rifjut gdid tal-avukat. Ghal darb ohra kkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija.

Nhar it-13 ta' Ottubru, 2020 hija rat il-footage li akkwistat minghand is-socjeta Titan fejn gie nutat li Ghassan Aboud Ezz javvicina lill-akkuzat fuq il-post tax-xoghol tieghu u li t-tnejn li huma jidhru li kienu qedin jargumentaw. Dan kien ghall-habta ta' 12.20p.m ghalkemm fil-footage jidher li hemm hin iehor minhabba diskrepanza fil-hin L-akkuzat jidher jersaq 'l boghod minn Ghassan u telaq n-naha l-ohra tal-karozza fejn kienet ipparkjata. Ghassan jidher jerga javvicina lill-akkzuat u l-akkuzat jidher jipprova jmur l-boghod minnu. Ghassan beda jigri warajh. Ftit wara jidhru n-nies li avvicinaw lit-tnejn li huma li skond l-akkzuat kienu kolegi tieghu tax-xoghol. L-akkzuat deher jaghti daqqa ta ponn lil Ghassan f'wiccu fil-footage, dak il-hin bin-nies li kien hemm. Hija pprezentat zewg ritratti wiehed minnhom mehud minnha stess minn fuq il-mobile u dan tal-ferita li kellu Ghassan dakinhar tal-incident. Dan ir-ritratt gie markat bhala dok JB1. Ir-ritratt l-iehro li gie markat bhala dok JB2 ittiehdet ukoll minnha ftit jiem wara t-30 ta' Settembru, 2020. Esebiet certifikat mediku irrilaxjat minn Dr Mark Borg li gie markat bhala dok JB 3. Il-footage li akkwistat minghand is-socjeta Titan li gie markat bhala adok JB 4 kif ukoll l-istqarrija tal-akkuzat *inter alia* li giet markata bhala dok JB6.

Mistoqsi in kontro ezami jekk l-akkuzat qallhiex xi haga tghid li kien ammetta li kien ta daqqqa ta' ponn lil Ghassan pero kien ghamel hekk sabiex jiddefendi lilu innifsu.

Mistoqsi jekk l-akkuzat kienx thallas tal-vettura tghid li kien thallas minkejja li kien hemm il-problema tal-gearbox.

**Aboud-Ezz Ghassan** xehed nahr l-14 ta' Mejju 2021 u kkonferma likein xtara karozza minghand wiehed jsimu Dejan minn fuq il-face book. Mistqosi jgharafx ill-akkzuat jghid li le. Jghdi li dan l-akkwist sar fl-24 ta' 'Setembru 2020. Qal li dakinhar li mar jara l-vettura ta €50 lil dan Dejan u wara kien ser ihallas il-kumplament ghaliex kienet ghand il-mechanic. Jghid li t-Tnejn ta' wara mar biex jigbor il-karozza u l-mechanic qallu li kellu jhalsu. Qal li l-kumplament tal-flus tahom lil Dejan l-Msida ix-xoghol tieghu u qallu li ma kienx hallas lil mechanic. Dak il-hin qallu li kien ser icempel lil mechanic hu u ghalhekk telaq minn hdejh u mar hdejn il-mechanic u l-mechanic qallu li Dejan kien baghtli messag u talbu biex ihalsu. Jghid li huwa kien hallas lil dan Dejan. Qal li kien tah mitejn u hamsin euro. Rega mar lura ghand Dejan u talbu l-flus biex ihallas lil mechanic u qallu li huwa kellu ihallas il-mechinc. Rega talbu l-flus u jghid li tah daqqa u telaq jigri 'l hemm. Fid-aqqa li tah f'wiccu jghid li waqqalu is-sinna . Qal li d-daqqa f'wiccu Dejan tahielu quddiem shabu tax-xoghol. Qal li mar l-isptar Mater Dei u nghata certifikat mediku u ghamel rapport ukoll. Muri ir-ritratti JB 1 u JB 2 u JB 3 jghid li l-persuna f'dawn ir-ritratti hija dik tieghu.

**PS 223 Christopher Saliba** xehed nhar l-14 ta Mejju 2020 u jghid li dakinhar tal-24 ta Settembru 2020 kien zxoghol l-ghassa tal-pulizija ta Tas Sliema Jghid li kien mar Ghassan ghall-habta tas-12.45555 p.m jghamel rapport. Jiftakar li kellu maskra kollhaimcapsa bid-demm u qallu li kelu argument ftit qabel gewwa l-Msida fejn is-showoroom tas Suzuki ma Dejan fuq xi karozza li kien xtara u qalluli dan Dejan tah iz-zewg daqqiet ta' ponn u kissirlu xi sinna ukoll. Huwa pprezenta l-okkorenza relattiva li tinsabmarkata bhala dok CS1. Mistoqsi jekk kienx jaf min hu jew jekk rax lil din il-pesuna bl-isem Dejan jghid li le ma jafux. In kotnro esami jghid li meta Ghassan nizzel il-face mask wiccu kien kollu bid-demm proprju madwar halqu.

**PS 309 Brian Xuereb** xehed nhar il-21 ta Gunju 2020 qal li waqt li kein xoghol l-ghassa kienet dahlet persuna bl-isem ta Ghassa jirraporta li kien ghadu kemm xtara vettura u li kellu xi jghid mal-persuna li bieghet il-akrozza lilu. Jghid li kien hemm xi dizgwid u mar ikelmu l Msida fejn jahdem u hemmhekk fo Triq Monsinjur Dandria gie

aggredit u spicca b'xi feriti fuq wiccu. Huwa tkellem ma dan Dejan u dan qallu li wara li kien xtara il-vettura jaf li kien hemm xi disgwid u min xtraha mar ikelmu u f'hin minnhon din il-persuna tat is-salt. Qallu li ipprova jevitah u jimxi lura izda spicca b'din il-persuna tigri warajh. Huwa izda ddefenda ruhu biex Ghassan ma jkomplix jattakah. Jghid li Dejan ma ftakarx jekk tahx xi daqqa ta ponn jew le pero jaf li xejjer idejgh biex l-aggressur jibqa' l boghod minnu.

Muri l-okkorenza a fol 31 markat bhala Dok Cs jghid li jirreferi ghal dan l-incident. Muri ccertifiakt rilaxxjat minn Dr Mark Borg jikkonferma li dan kien moghti lilhom u jaf li dwaru kien hemm xi issue ukoll. Qal li kellu jghid lit tabib li kellu jikteb jekk il-feriti kienux *slight* jew grievous. Ghalhekk jaf li t-tabib kien irrangah. Jaf li Ghassan rega mar l-isptar u kien hemm li t-tabib irranga ic-certifikat. Mistoqsi jekk jgharafx lil Dejan jghid li huwa l-akkuzat odjern.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti rat l-ammissjoni tal-akkuzat registrata fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[2] fil-presenza tal-avukat difensur tieghu. L-akkuzat inghata hin biex jikkunsidra l-ammisisjoni tieghu pero cio nonostante rega insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu. Dan ifisser ghalhekk li l-appellat kien qed jirregistra ammissjoni ghar-reati li inghataw fik-komparixxi bis-severita taghhom. F'din is-sentenza l-Qorti illiberat lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Avukat Generali hass ruhu agravat min din is-sentenza u interpona umli appell a bazi tal-artikolu 413 ( 1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:_

> *Art 413 ( 1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati:*
>
> *(b) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċedurisommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ĠudikaturaKriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u,fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:*

[2] Fol. 45 tal-atti processwali

*(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun ,minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza.*

Illi l-ewwel Qorti a bazi tal-ammissjoni tal-akkuzat seduta stante sabet lill-appellat hati tar-reati kif moghtija fil-komparixxi u cioe talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ghassan Aboul-Ezz ta' 63 sena u talli kiser il-bon ordni jew il-kwiet publiku kif ukoll talli huwa recidiv.

Illi ghalhekk l-akkuza principali hija dik naxxenti mill-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:_

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jewfil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difettpermanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Issa l-artikolu 222A tal-Kapitolu 9 jipprovdi ghal zieda tassattiva fil-piena jekk ic-cirkostanzi segwenti ikunu prezenti. L-artikolu jipprovdi li:-

*222A. (1) Il-pieni msemmijin fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew:*

Ghalhekk fir-rigward tal-kawza odjerna jirrizulta li l-vitma Ghassan Aboul Ezz kellu 63 sena u ghalhekk irid ikun hemm zieda fil-piena. Konsesgwentement il-piena massima li setghet tinghata ghal tali akkuza kellha tizdied bi grad jew tnejn u ghalhekk minn disgha snin il-piena bi grad wiehed kienet tghola ghal tnax- il sena

u jekk bi zewg gradi ghal piena ta' ghoxrin sena skond l-artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel Qorti ghogbitha tiddikjara li qed issib lill-appellat hati tar-reati kif kontemplati fil-komparixxi pero iddecidiet li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin u dan ai termini tal-artkolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan il-provediment li ghogobha taghti l-ewwel Qorit jiddisponi s-segwenti:-

> *22.(1) Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (lima jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u li ma jkunxreat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jewdikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerijagħal żmien iktar minn seba' snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, majkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordnita' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz majkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatigħalkollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dakil-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni,skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom mutatismutandisjapplikaw għal dan is-subartikolu*

Ghalhekk il-Qorti hija priva milli tapplika din id-disposizjoni tal-ligi f'dawk l-istanzi fejn l-piena teccedi is-sebgha snin. Ghalkemm skond l-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Ewwel Qorti tista tghati probation f'kaz li l-piena tkun iktar min sebgha snin prigunerija izda inqas minn ghaxar snin prigunerija basta pero c-cirkostanzi partikolari ghandhom jitnizlu fis-sentenza u li timmerita l-ghoti tal-probabtion . F'dan il-kaz pero lanqas din il-piena ma tista tinghata ghaliex l-piena applikabbli teccedi l-ghaxar snin prigunerija.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher ben fondat fil-ligi w qed jigi akkolt.

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirrevoka is-sentenza appellata u tiddikjara li qed tpoggi lill-appellat fi *status quo ante* ta' qabel ma inghatat is-sentenza billi tiddikjara nulla s-sentenza appellata u konsegwentement tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex ma' tipprivax l-esponent mill-beneficcju tad-doppio esame fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur